**16 ta' Frar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri LL.D.**

Joseph Brincat et.

*versus*

Maria mart Paolo Zammit, minnu assistita

**Legat Rimuneratorju — Legat soġġett għal Kondizzjoni jew Modus — Legat ta' Ħaġa ta' Ħaddieħor — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Servizi.**

*Il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex ħlief jekk jiġi dekjarat fit-testment li t-testatur jaf li l-ħaġa ma kenitx tiegħu iżda ta' ħaddieħor.*

*Din ir-regola, però, ma tidħirx applikabbli għal dawk id-dispożizzjonijiet testamentarji ta' raġel miżżewweġ li jkollhom bħala oġġett tagħhom beni ta' l-akkwisti.*

*Raġel miżżewweġ jista' jiddisponi mill-beni akkwisti b'testment, però il-mara għandha tiġi kompensata tas-sehem li jkun imissha.*

*Biex legat jitqies rimuneratorju, dan għandu jirriżulta mill-istess testment u mhux minn provi barranin.*

*Ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli ta' konsangwinità huma stretti u meta ma jirriżultax li tant mill-parti ta' min ippresta s-servizi kemm ukoll minn dak li a favur tiegħu huma prestati, kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi — premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

peress illi fit-8 ta' Novembru, 1960 u fid-29 ta' Diċembru, 1946, mietu rispettivament Leone Brincat u Carmela Brincat, il-ġenituri tal-kontendenti; u peress illi Carmela Brincat mietet bla testment fil-waqt li Leone Brincat għamel testment fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut tal-14 ta' Lulju, 1949, li bih wara li ħalla prelegat lil bintu, il-konvenuta Maria, mart Paolo Zammit, innomina bħala eredi tiegħu lil uliedu kollha, l-kontendenti; u peress illi b'noti ppreżentati fis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti l-atturi rrinunzjaw għall-eredità ta' missierhom u żammew fermi u sħaħ id-drittijiet tagħhom għall-leġittima; u peress li għalhekk is-seba' kontendenti huma l-werrieta ta' ommhom Carmela Brincat f'settima parti kull wieħed u waħda minnhom waqt li lil kull wieħed u waħda mill-atturi tmiss il-leġittima ammontanti għal parti minn erbatax (1/14) fuq l-assi tal-missier Leone Brincat — talbu lil din il-Qorti: i) tillikwida l-assi soċjali konjugali ġa eżistenti bejn Leone u Carmela Brincat billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; ii) taqsam f'żewġ porzjonijiet indaqs dan l-assi hekk likwidat u porzjoni minnhom tiġi assenjata lill-assi partikolari ta' Leone Brincat u l-oħra lill-assi partikolari ta' Carmela Brincat; iii) tillikwida l-assi partikolari ta' Carmela Brincat billi jiġi magħmul jikkonsisti bin-nofs ta' l-assi soċjali ġa likwidat u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; iv) taqsam bejn is-seba' kontendenti dan l-assi hekk likwidati u tassenja s-settima parti kull wieħed lill-kontendenti; v) għall-fini tal-likwidazzjoni tal-leġittima spettanti lill-atturi fuq l-assi ta' missierhom Leone Brincat tillikwida l-assi partikolari tiegħu billi tiddikjara li jikkonsisti f'nofs l-assi soċjali konjugali kif fuq likwidat u f'dawk il-beni l-oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; vi) tillikwida l-leġittima dovuta lill-atturi fuq dan l-assi ta' Leone Brincat billi tiddikjara li tikkonsisti f'parti min erbatax (1/14) kull wieħed u waħda mill-atturi; vii) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur

il-leġittima hekk likwidata; viii) tinnomina periti biex jagħmlu l-likwidazzjonijiet, diviżjonijiet u assenjazzjonijiet, Nutar biex jippublika l-att relattiv u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi, bl-ispejjeż;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

OMISSIS;

Il-kwistjoni prinċipali ta' bejn il-kontendenti, però, tirrigwarda l-prelegat imħolli minn Leone Brincat lill-konvenuta fit-tielet artikolu tat-testment tiegħu ġa fuq riferit. Il-konvenuta tippretendi li dana huwa "legatum debiti", peress li huwa rimuneratorju tas-serviġi prestati u flus erogati mill-esponenti lit-testatur, u għalhekk fil-likwidazzjoni ta' l-assi partikolari tiegħu ż-żewġ fondi prelegati għandhom jidħlu bħala passiv ta' dak l-assi u minnu jitnaqqas qabel ma tiġi kalkolata l-leġittima spettanti lill-atturi; jippretendu li dana mhuwiex legat rimuneratorju, iżda huwa legat soġġett għal kondizzjoni jew modus; u t-testatur ma qalx li dana l-prelegat kien bħala ħlas jew kumpens u bl-ebda mod ma rrikonoxxa xi debitu versu l-prelegatarja għas-serviġi li taħt ebda aspett ma jistgħu jkunu kompensabbli billi jekk saru, ġew prestati "familiaritatis causa", u ma rriżultax li kien hemm ebda intenzjoni ta' kumpens.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li dana l-prelegat ġie mħolli lil-konvenuta taħt il-kondizzjoni u l-obbligu li t-testatur jibqa' joqgħod magħha jew hija miegħu, u li l-istess prelegatarja tibqa' tieħu ħsieb u

kura tat-testatur sal-punt tal-mewt tiegħu. Għal kwalunkwe fini u effetti tal-liġi t-testatur iddikjara illi huwa qiegħed iħalli l-imsemmija dar u maħżen lill-konvenuta fl-intier tagħhom allavolja jaf u jiddikjara li jaf illi n-nofs indiviż ta' l-istess żewġ fondi mhumiex tiegħu imma jappartjeni lill-eredi ta' martu Carmela Brincat.

Ikkunsidrat:

Li l-ewwel diffikultà li għandha tiġi affrontata hija dik tal-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor, li hija espressament dikjarata mit-testatur għar-rigward tal-prelegat in kwistjoni.

Li, skond l-art. 733 tal-Kodiċi Ċivili l-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex ħlief jekk ikun dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor, u mhux tiegħu. Fil-każ jirriżulta li dina — d-dikjarazzjoni saret — però dina r-regola, imħabba d-diversità tal-fondament ġuridiku tagħha ma tidhirx applikabbli għal dawk id-dispożizzjonijiet testamentarji tar-raġel li jkollhom bħala oġġett tagħhom beni ta' l-akkwisti, li hija komunjoni "sui generis" (P.A. "Darmanin vs. Copperstone", 13 ta' Awissu, 1925).

Li, f'każ simili hija applikabbli d-dispożizzjoni ta' l-art. 1371 li jgħid li jekk ir-raġel jiddisponi mill-akkwisti b'testment, id-dispożizzjoni tiegħu għandha effett, basta l-mara tiġi kompensata tas-sehem li jkun imissha (Kollez. XXXIII, ii, 142); liema sehem skond il-prospett magħmul mill-attur, jidher li ġie meħud in konsiderazzjoni fil-konsistenza ta' l-assi ta' Carmela Brincat, u għalhekk mhuwiex il-każ li jsiru konteġġi u assenjazzjonijiet oħra.

Li, tibqa' għalhekk, il-kwistjoni tal-prelegat kif ġa fuq diversament impostata mill-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Li eċċezzjoni simili tista' tiġi mogħtija u deċiża f'dina l-kawża, mingħajr ma hija meħtieġa azzjoni separata (Kollez. XXIX, i, 466; XXXIII, ii, 203).

Li, però, dina l-Qorti, wara li studjat bir-reqqa d-dispożizzjoni testamentarja li biha ġie istitwit dana l-prelegat, u r-raġunijiet pro u kontra miġjuba mill-kontendenti, jekk, ċjoè, dana l-prelegat għandux jifforma jew le parti mill-wirt ta' Leone Brincat għall-fini tal-kalbolu tal-leġittima, waslet għall-konklużjoni li l-istess dispożizzjoni ma tammontax għal legat rimuneratorju, għaliex f'ebda parti ta' l-istess dispożizzjoni ma jirriżulta li ġie imħolli bi ħlas tas-serviġi, u għalhekk tesula kwalunkwe ammissjoni tad-dejn tat-testatur lejn il-persuna gratifikata għal dawk is-serviġi (Kollez. XXXV, ii, 484); u huwa wkoll risaput f'dina l-materja li sabiex legat kontemplat fit-testment ikun rimuneratorju għandu jirriżulta mill-istess testment, u mhux minn provi barranin (Kollez. XX, i,i 47) għaliex kif josserva l-Pacifici Mazzoni (Delle Successione Parte III, pag. 348, No. 200): "Nel legato fatto al creditore senza che il testatore avesse fatto menzione del suo debito non si presume che egli abbia con ciò stesso inteso obbligare il legatario a compensare col legato il suo credito. Da ciò deriva che la compensione in un legato non è mai presunta; ma bisogna che nel testamento si faccia menzione del debito, e per menzione intendesi indicazione espressa. Ove questa menzione manchi, non è al certo lecito per via di congetture, presunzioni, equipollenze e sottigliezze, andare investigando la mente ed intenzione del testatore, per togliere così al legato il suo primigenio carattere di un atto di liberalità e di beneficenza" (v. De Filippis, Dto. Civ. Ital. Comparato, Vol VI, pag. 442, No. 613; Kollez. XXIV, i, 170; IX, 217).

Li, inoltri, kif sewwa osservaw l-atturi, ebda kumpens ma huwa dovut meta l-vinkoli ta' konsangwinità huma stretti, u meta ma jirriżultax li tant mill-parti ta' min ippresta s-servizi kemm ukoll minn daka li a favur tiegħu huma prestati, kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens. "Nessuna retribuzione è dovuta per assistenze personali prestate e stretti parenti, specie nella loro ultima infermità, quando tali assistenze non cagionano perdite materiali ma solo un incomodo o sacrificio personale" (Kollez. XVI, ii, 316; XXX, i, 47; App. in re "Testaferrata vs. Dr. Toledo", tal-11 ta' Diċembru, 1930). Dan il-prinċipju huwa ramifikazzjoni tal-kunċett enunzjat mill-Qrati tagħna li rritenew li legat li bih it-testatur iħallas dejn naturali, imma li mhux mistħoqq skond il-liġi, jibqa' legat sempliċi u ma jsirx rimuneratorju (Kollez. XXIX, ii, 108); u għalhekk legat simili għandu jiġi mdaħħal fir-riunjoni talpatrimonju tad-decujus għall-fini tal-likwidazzjoni tal-leġittima (Kollez. XXXIII, i, 472; ii, 88).

Ikkunsidrat:

Li, imbagħad, il-Qorti hija proklini li taċċetta l-versjoni ta' l-atturi li l-kondizzjoni u l-onere impost lill-prelegatarja hija dispożizzjoni modali u mhux kondizzjonali fis-sens ġuridiku tal-kelma. Dina l-fehma titnissel mill-konsiderazzjonijiet segwenti:

1) Li d-dispożizzjoni in disamina timponi pis fuq il-konvenuta gratifikata fl-interess esklusiv tat-testatur, u f'dana l-każ id-dottrina rriteniet id-dispożizzjoni modali. Toullier jafferma: "Quando adunque il peso ha per iscopo l'interesse di un terzo, l'interesse di chi lo impone, o qualche considerazione estranea all'interesse di colui al quale è imposto, esso forma un modo, ovvero una causa finale e determinante; ciò che vale lo stesso in quanto all'effetto" (Vol. III, pag. 488 u 489, para. 508, Ediz. Palermo, 1853).

2) Li, anki kieku kien hemm dubju fl-interpretazzjoni tal-kliem użati "taħt il-kondizzjoni u l-obbligu", huwa paċifiku tant fid-dottrina kemm fil-ġurisprudenza "Magis pro modo quam pro *conditione praesumendum est*", għaliex kif josserva Gaio: "Quod si cui in hoc legatum est, ut ex eo aliquid faceret, sub modo legatum videtur" (L. 17, para. 4, Digesto de Condit. et Demonstrat; u Voet; u Kollez. XXXIII, ii, 97; XXXV, ii, 443; XVIII, ii, 106.)

*Li, għalhekk billi l-legat imħolli b'modus għandu jiġi* kunsidrat bħala att ta' liberalità bl-obbligu miegħu, però, b'dina d-differenza mill-legat kondizzjonali, li dak jiġi perċepit indipendentement mill-adempiment tal-"modus" għaliex fid-dispożizzjoni modali hija permessa largament kwalunkwe raġuni ta' skuża, salv li ma jkunx pienament dimostrat — li mhuwiex *il-każ — dolo jew ħtija fil-legatarju inadempjenti*, jew skond il-każ, ma jkunx hemm il-"mora".

Li in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet ma jidhirx meħtieġ li l-Qorti tidħol fl-eżami tal-entità tas-serviġi prestati mill-prelegatarja lit-testatur, biex tara jekk effettivament il-*konvenuta adempietx l-onere impost fil-legat, u b'mod parti*kolari biex tara jekk ġiex vjolat il-patt "de aequandis liberis", u konsegwentement jekk il-legat għandux jiġi mnaqqas jekk jirriżulta sproporzjonat għas-serviġi prestati mill-legatarja u għas-siwi ta' l-assi ereditarju tad-decujus (Kollez. XXXIII, ii, 203).

Ikkunsidrat:

Li la darba l-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-prelegat in kwistjoni mhux pagament ta' debitu, il-beni formanti l-istess prelegat għandhom jiġu inklużi fil-massa ereditarja għall-fini tal-likwidazzjoni tal-leġittima (art. 657(2) tal-Kodiċi Ċivili), u dana għaliex fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-

testatur ikun iddispona b'titolu gratwitu favur ta' xi ħadd... (art. 657(3) Kod. Ċiv).

. Ikkunsidrat:

Li billi dina l-Qorti hija tal-fehma li għar-rigward tal-istabili mħollija mid-decujus, mhux possibbli li l-leġittimarji jieħdu sehemhom tal-leġittima fi proprjetà sħiħa (art. 657(1) Kod. Ċiv.); u għalhekk ikun opportun li jiġi stabbilit il-valur tagħhom, kompriż il-valur tal-fondi prelegati, qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni dwar il-likwidazzjonijiet u diviżjonijiet tal-assijiet kif mitluba, u b'mod partikolari għall-likwidazzjoni u ħlas tal-leġittima spettanti lil-atturi fuq l-assi ta' missierhom — sejra tagħti l-infraskritt provvediment: Tinnomina a spejjeż provviżorjament ta' l-atturi lill-Perit Joseph Genovese A. & C.E. biex jistma l-beni stabili indikati fin-nota deskrittiva ta' l-atturi a fol: 8 tal-proċess, iġifieri......

Il-Perit għandu jippreżenta r-relazzjoni tiegħu mhux aktar tard mill-24 ta' Frar, 1965, għal liema ġurnata tibqa' differita l-kawża, biex tkompli tiġi trattata u deċiża fil-meritu.

Spejjeż riservati.